# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-10 ta' Lulju 2012

## li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri

(2012/402/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Il-mandat tas-Sinjura Nadejda SANDOLOVA ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012.

(2) Għandha għalhekk issir ħatra ġdida,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sinjura Iliana IVANOVA hija b'dan maħtura membru tal-Qorti tal-Awdituri għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2018.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

V. SHIARLY

[1] Opinjoni tat-13 ta' Ġunju 2012 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).